MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 2003/1997/1

**Korporazzjoni Telemalta u b'nota ta' l-24 ta' Jannar, 2000 il-Maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza minflok il-Korporazzjoni Telemalta**

**vs**

**Hector Cassola u b'digriet tas-6 ta' Marzu, 2000 giet kjamata fil-kawza Marguerite Cassola**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-korporazzjoni attrici fis-17 ta' Settembru, 1997 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' tlett mija u tmien liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm308.46) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 436902 (skond kif

jirrizulta mill-*'statement'* Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond The Cedars, Triq il-Linja, Attard.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-avviz, tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Mejju, 1997 u tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Hector Cassola fejn eccepixxa:

Illi t-talba tal-korporazzjoni attrici ghandha tigi respinta peress illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt fil-konfront ta' l-eccipjent ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi ma hux minnu li t-telephone bin-numru 436902 jinstab installat fil-proprjeta' tal-konvenut 40/3 Triq San Duminku, Valleta kif indikat fl-avviz;

2. Illi fit-tieni lok, l-ammont dovut fuq l-imsemmi linja tat-telephone huwa anqas minn dak reklamat skond kif jirrizulta minn korrispondenza precedenti ta' l-istess atturi;

3. Illi fit-tielet lok jinghad ukoll illi kwalunkwe kont tat-telephone fuq in-numru indikat ghandu jigi sopportat minn mart il-konvenut Marguerite Cassola nee' Preziosi li tghix f'Cedars, Triq il-Linja, Attard fejn fil-fatt jinstab installat l-istess telephone u dana skond kif ghandu jirrizulta minn kuntratt pubbliku ta' separazzjoni atti Nutar Francis Micallef datat 2 ta' Mejju, 1994;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk jinqala l-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-korporazzjoni attrici li minn issa dirigenti taghha qed jigu ngunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Marzu, 2000 fejn ordnat il-kjamata fil-kawza ta' Marguerite Cassola.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamata fil-kawza Marguerite Cassola fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti m'ghandhiex relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kull kaz it-talba tas-socjeta' attrici hija preskritta skond l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili (Kap 16).

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-eccipjenti hija legalment separata minn ma' zewgha Hector Cassola permezz ta' kuntratt pubbliku datat 2 ta' Mejju, 1999 (Dok AE1), u skond liema huwa obbliga ruhu li jaghmel tajjeb ghad-dejn kollu.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Jinghad mill-bidu nett illi l-korporazzjoni attrici ma kienetx f'posizzjoni illi tipprezenta kopja tal-ftehim milhuq rigward is-servizz imsemmi fl-avviz, ghalhekk mhuwiex car jekk il-konvenut Hector Cassola jew il-kjamata fil-kawza Marguerite Cassola humiex it-titulari tieghu. Li hu cert hu illi n-numru 436902 kien xi darba installat fil-fond The Cedars, Triq il-Linja, Attard fejn illum tabita il-kjamata fil-kawza Marguerite Cassola.

B'kuntratt tas-separazzjoni tat-2 ta' Mejju 1994 in atti Nutar Dr Francis Micallef fl-Artikolu 5 (f) il-konvenut Hector Cassola iddikjara illi *"rigward kull dejn iehor dan qed jigi assunt mir-ragel Hector Cassola u f'dan is-sens ghalhekk martu qieghdha tigi liberata minnu."*

A fol 75 il-korporazzjoni attrici pprezentat rendikont ta' l-ammont reklamat fl-avviz. Apparti l-fatt illi c-cifra finali ma taqbilx ma' dak mitlub, jidher illi l-kont jibda mill-1 ta' Jannar 1995, ghalhekk wara d-data tal-kuntratt ta' separazzjoni fejn fil-fond kienet qed toqghod il-kjamata fil-

kawza, pero’ fl-affidavit taghha qalet li fil-1998 applikat ghal linja gdida. Giet moghtija  dik il-linja u qieghdha thallas il-kontijiet fuqha.  Skond id-dokument A it-talba ta’ tlett mija u tmien liri u sitta u erbghin centezmu (Lm308.46) hija sa l-20 ta’ Marzu, 1997 u mehud in konsiderazzjoni l-ammonti taht il-kolonna *“debit”* il-Qorti tiehu l-ahhar seba’ items biex tavvicina xi ftit l-ammont mitlub.  Dawn is-seba’ items iwasslu ghac-cifra ta’ tlett mija u erba’ liri u tmienja u erbghin centezmu (Lm304.48), mentri t-talba qieghdha ghal tlett mija u tmien liri u sitta u erbghin centezmu  (Lm308.46).  Anke jekk il-Qorti toqghod fuq l-*statement* ipprezentat mill-korporazzjoni attrici issib illi hafna mic-cifri ndikati fil-lista taht id-debit huma wkoll murija fil-lista taht il-*credit*, li jfisser illi gew imhallsa. L-unika zewg *items* illi m’hemmx spjegazzjoni ghalihom huwa l-kont ta’ l-1 ta’ April, 1995 ghal tmienja u tletin lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm38.55) u l-kont ta’ l-10 ta’ Dicembru, 1996 ghal tletin lira u sitta u sebghin centezmu (Lm30.76). Ghal bqija jidhru illi huma mhallsa skond l-istess lista pprovduta mill-korporazzjoni attrici.

Fl-eccezzjoni taghha il-kjamata fil-kawza Marguerite Cassola qieghda tecepixxi l-preskrizzjoni kwinkwennali a bazi ta’ l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.  Dana huwa t-terminu korrett skond il-gurisprudenza recenti dwar is-servizz tat-telephone.  Il-kjamata fil-kawza Marguerite Cassola giet notifikata fis-27 ta’ Settembru, 2001 (ara a tergo fol 52), ghalhekk l-unika kont li mhuwiex preskritt huwa ta’ l-10 ta’ Dicembru, 1996 fl-ammont ta’ tletin lira u sitta u sebghin centezmu (Lm30.76).  Hu probabbli illi dan il-kont ghandu jkun a karigu tal-kjamata fil-kawza peress illi dak iz-zmien hija kienet qieghdha tghix fil-fond f’H’Attard ad esklussjoni tal-konvenut u peress illi fi kliema stess ottjeniet linja gdida fil-1998, allura l-Qorti jidhrilha illi din ic-cifra ta’ tletin lira u sitta u sebghin centezmu (Lm30.76) ghandha tkun responsabbli ghaliha il-kjamata fil-kawza.

Ghal dawn ir-ragunijiet,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi filwaqt illi tillibera lill-konvenut Hector Cassola mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa’ t-talba

tal-korporazzjoni attrici u tikkundanna lill-kjamata fil-kawza Marguerite Cassola illi thallasha l-ammont ta' tletin lira u sitta u sebghin centezmu (Lm30.76) ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 436902 liema servizz kien installat fil-fond *The Cedars*, Triq il-Linja, Attard.

Ghal dawk illi huma spejjez peress illi l-ammont akkordat huwa biss parti zghira minn dak mitlub, il-Qorti jidhrilha illi ghandu jkun hemm ripartazzjoni fl-ispejjez, kwantu ghal tlett kwarti ghall-korporazzjoni attrici u kwart ghal kjamata fil-kawza Marguerite Cassola.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------